**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**Vs**
**Tekleweyni Atsme**

**Illum 16 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Tekleweyni Atsme**, ta' tnejn u għoxrin (22) sena u ta' nazzjonalità Eritrejana, iben Atsmay u Mhret, imwieled Adi-Gaba, Eritrea, fl-1 ta' Mejju 1998, prezentement bla indirizz fiss u detentur tan-Numru tal-Pulizija 20N-028, talli fil-15 ta' Novembru 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta 'qabel din id-data gewwa dawn il-Gżejjer:

1. Uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport, li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta;
2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokumenti ohra ffalsifikat u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;
3. Minghajr awtorità legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta ' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta 'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) Stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "A"; (ii) Dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd tal-parir legali - Dok. "B"; (iii) Dokumenti ffalsifikati li l-imputat ittanta jivjagga bihom - Dok. "C" u Dok. "D"; (iv) Biljett ta' l-ajru - Dok. "E"; (v) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz - Dok. "F"; (vi) Il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "G"; (vii) *Personal details form* ta' l-imputat - Dok. "H".

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti avzatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga ' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga 'lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi talli fil-15 ta' Novembru 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta ' qabel din id-data gewwa dawn il-Gżejjer: (i) Uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport, li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta; (ii) Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokumenti ohra ffalsifikat u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta; (iii) Minghajr awtorità legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta 'piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, li ghandu fedina penali netta u li kkopera mal-Pulizija.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta 'Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap.9 u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija effettiva.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni avvanzata ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**